MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 52/2005/1

**Dr. Joseph M. Sammut**

**vs**

**Goliath Developments Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta’ Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), rapprezentanti drittijiet professjonali in segwitu ghal servizzi resi;
2. Bl-isepjjez u imghaxijiet dovuti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-28 ta’ Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ispejjez legali ghandhom jigu ntaxxati kif il-ligi stess tirrikjedi that l-artikoli 556 u 557 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk it-talba kif dedotta hija abbuziva u llegali;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li s-socjeta’ konvenuta dejjem hallset u m’ghandha taghti xejn lill-istess attur;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-perijodu bejn l-1997 u s-sena 2004 l-attur kien jokkupa l-kariga ta’ segretarju tas-socjeta’ konvenuta;

2. Illi kien gie pattwit li ghal dan is-servizz l-attur kellu jinghata onorarju ta’ mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM120.00,0), fix-xahar, u dan, “ …

immaterjalment mill-volum ta’ xoghol legali li jkun involut”, (ara fol 11);

3. Illi pero’ fil-perjodu ndikat fil-paragrafu ta’ qabel dan, jirrizulta li gew effettwati verament ftit mill-pagamenti pattwiti nonostante x-xoghol legali nvolut gie effettwat regolarment, (ara fol 11);

4. Illi l-pagament dovut mis-socjeta’ konvenuta lill-attur ghall-perjodu de quo jirrizulta li jammonta ghal tmint elef u seba’ mitt Lira Maltin, (LM8,700.00,0);

5. Illi jirrizulta li fil-perjodu nvolut l-attur kellu bzonn xi materjal ta’ kostruzzjoni u gie miftiehem li s-socjeta’ konvenuta kellha ttihulu kif fil-fatt ghamlet;

6. Illi dan il-materjal kien jammonta ghal elf u tlett mitt Lira Maltin, (LM1,300.00,0);

7. Illi meta l-attur gie biex jieqaf milli jkompli jippresta s-servizzi tieghu lis-socjeta’ konvenuta gie pattwit li din is-socjeta’ thallas l-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), lill-attur ghas-saldu ta’ kwalunkwe ammont minnu vantat fil-konfront taghha ghas-servizzi minnu lilha rezi;

8. Illi tramite r-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta kien gie wkoll pattwit li stante li din is-socjeta’ ma kellhiex likwidi x’tiddisponi minnhom, allura, l-attur kellu jkun sodisfatt billi jiehu l-ekwivalenti lilu dovut f’materjal ta’ kostruzzjoni;

9. Illi b’dan il-ftehim kien ukoll infurmat direttur iehor tas-socjeta’ konvenuta, (ara fol 12);

10. Illi munit b’tali ftehim, l-attur sab kuntrattur li kien lest jixtri l-imsemmi materjal minghandu;

11. Illi in effetti d-diretturi Spiteri u Farrugia tas-socjeta' konvenuta kienu lesti jghaddu l-imsemmi materjal lill-istess kuntrattur direttament;

12. Illi nonostante dan kollu d-diretturi fuq indikati ma wettqux dak minnhom pattwit u ghalhekk l-attur kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta ssostni s-segwenti:

1. Illi l-analizi tal-fatti ta' l-attur kif fuq esposta hi kategorikament michuda;

2. Illi in effetti l-attur kien jithallas tas-servizzi tieghu;

3. Illi ma kien hemm l-ebda arrangamenti straordinarji ghall-hlas lill-attur;

4. Illi ghalhekk qed titlob li t-talbiet attrici jkunu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta qed tirrespingi t-talbiet kollha ta' l-attur pero waqt li qed taghmel hekk qed tkun fl-istess hin kontradittorja;

Illi dan qed jinghad ghaliex waqt li s-socjeta' attrici ssostni li qatt ma kien hemm ftehim fuq onorarju lill-attur, issostni fl-istess nifs li kienet thallsu;

Illi inoltre filwaqt li ssostni li qatt ma kien hemm ftehim fuq reciprocita' ta' servizzi lill-attur, id-diretturi stess isostnu li effettwaw xi xoghlijiet b'xejn lill-attur;

Ikkunsidrat:

> Illi in vista tal-kontradizzjonijiet riskontrati l-kredibilita' tad-diretturi tas-socjeta' konvenuta tisparixxi;
>
> Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Goliath Developments Limited biex thallas lill-attur Dr. Joseph M. Sammut l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi.**"**

Is-socjeta` konvenuta tressaq dawn l-aggravji fl-appell minnha interpost fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza:-

(1) L-ewwel Qorti skartat ghal kollox l-eccezzjoni preliminari taghha u, cjoe, li d-drittijiet professjonali pretizi mill-attur kellhom jigu ntaxxati a norma ta' l-Artikoli 556 u 557 tal-Kapitolu 12;

(2) L-attur ma setax jaghmel talba ghall-imghax legali in kwantu b' hekk kienet tinqabez il-kompetenza tal-Qorti adita, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12;

(3) L-ewwel Qorti skartat il-prova tal-hlasijiet minnha maghmula bic-cekkijiet u injorat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentant taghha li qatt ma ezista ftehim ma' l-attur dwar hlas ta' drittijiet, ghax kieku dan kien ikun bil-miktub u mhux bil-fomm;

Huwa importanti li, qabel xejn, jigi determinat ir-rapport guridiku bejn l-attur fil-professjoni legali u s-socjeta` appellanti. *In primis*, tali rapport jidher li ghandu mill-karattru tal-mandat. Dan hu hekk certament ghall-affarijiet gudizzjarji. Ara "**Giovanni Zammit -vs- Avv. Dottor Carlo Moore et**", Appell Civili, 1 ta' Mejju 1936. Ghandu wkoll mill-karattru guridiku tal-*locatio operis*, kif dan jinsab definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hu x' inhu x-xorta ta' rapport, dan jippostula l-konferiment ta' inkariku mill-

klijent, liema inkariku jista' jinghata taht kwalsiasi forma, u mhux bilfors bil-miktub. Naturalment, f' kaz ta' kontestazzjoni, il-prova tal-konferiment trid tinghata mill-professjonist li jagixxi ghall-pagament tal-kumpens, anke jekk jinsab ritenut ukoll illi "*l' avvocato non ha bisogno di provare l' incarico datogli dal cliente, dovendo bastare la propria asserzione*". Ara "**Dottor Giuseppe Caruana Mamo *et* -vs- Antonio Ciantar**", Appell Inferjuri, 16 ta' Mejju 1925;

Dan premess, huwa indubitat illi kemm jekk ir-rapport il-wiehed jew l-iehor, l-avukat ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol li jaghmel. Dan japplika dejjem sija jekk si tratta minn professjonist intellettwali jew tekniku. Ir-raguni hi pjuttost semplici u ben maghrufa. Minn jippresta l-hidma tieghu taht kwalsiasi forma ghal vantagg ta' haddiehor hu mistenni li jkun retribwit, ammenokke ma tkunx ipprovata l-gratuwita`. Hekk fil-kaz tal-mandat l-mandanti hu tenut li jikkompensa lil mandatarju tieghu tax-xoghol tieghu meta tali kumpens ikun gie imwieghed lilu, jew fejn dan il-kumpens jitqies tacitament miftiehem minhabba l-professjoni tal-mandatarju u cirkustanzi ohra. Ara Artikolu 1881 (1), Kodici Civili. Ugwalment, fil-kaz ta' *locatio operis*, l-Artikolu 1624 Kodici Civili jipprovdi ghal tali kumpens. Tinsorgi hawn il-kwestjoni dwar kif ghandu jkun stabbilit dan il-kumpens;

Mill-precitati disposizzjonijiet tal-Kodici Civili jidher li fil-mandat il-partijiet jistghu jistabilixxu huma stess il-kumpens u, fl-awtonomija negozjali taghhom, jippredeterminaw l-ammont tieghu. Similment, fil-*locatio operis* l-artikolu korrispondenti jitlaq mil-punt illi l-kriterju principali fid-determinazzjoni tal-kumpens hu dak li jikkonsisti fil-ftehim bejn il-partijiet. Fiz-zewg rapporti hu biss meta tonqos il-prova tal-pattwizzjoni specifika illi l-kumpens ikun irid jigi determinat in bazi ghat-tariffi professjonali jew skond l-uzu, jekk skond stima jew mill-gudikant skond ic-cirkustanzi partikulari tal-kaz. Isegwi minn dan illi t-tariffi professjonali jizvolgu rwol divers minn dak tal-ftehim konkjuz bejn il-partijiet. Dan kollu inghata

risalt mill-Qorti ghaliex huwa evidenti illi filwaqt li l-attur appellat jattribwixxi rilevanza lill-ftehim bejnu u l-kumpanija konvenuta appellanti, din ta' l-ahhar tirrikorri bl-ewwel eccezzjoni taghha ghal kriterji ta' likwidazzjoni u tassazzjoni tal-kumpens skond in-normi dixxiplinati fl-Artikoli 556 u 557 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ma jistax ikun disputat minn ezami tar-rizultanzi processwali illi l-kwestjoni centrali bejn il-kontendenti hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta' l-istess partijiet. Hi dikjarazzjoni ta' l-attur illi ghal dawn il-prestazzjonijiet flimkien kien gie appattwit il-hlas ta' mija u ghoxrin lira (Lm120) fix-xahar. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta jinnegaw li kien hemm akkordju simili, ghalkemm jirrikonoxxu illi ghax-xoghol ta' segretarju l-attur ma kienx jithallas. Ara xhieda ta' Philip Farrugia a fol. 31. L-ewwel Qorti, korrettement fil-fehma tal-Qorti, fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi rrilevat fatti partikulari li minnhom gibdet l-inferenza illi l-versjoni ta' l-attur kienet aktar attendibbli minn dik tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti;

Huwa veru li s-socjeta` appellanti ddikjarat bosta drabi li ma ghandha taghti ebda hlasijiet lill-attur u pproduciet ukoll cekkijiet biex turi xi hlasijiet ghamlet lill-attur. Tali pretensjoni taghha, pero`, hi zmentita mid-deposizzjoni tax-xhud indipendenti Anthony Bonanno (fol. 13) fejn dan jikkonferma illi l-ammont reklamat bhala dovut lill-attur kellu jittiehed u jigi pacut b' materjal supplit minghand is-socjeta` konvenuta u, dippju, ma jidherx li c-cekkijiet jikkostitiwxxu xi prova nkonfutabbli u ta' min jorbot fuqhom illi kull hlas dovut gie hekk saldat. Dan biex ma jinghadx ukoll illi, gustament, l-ewwel Qorti sewwa rravizat kuntrast fid-deposizzjonijiet testimonjali tar-rapprezentanti infushom tas-socjeta` konvenuta;

Jikkonsegwi minn dak dedott illi jekk, kif inhuwa l-kaz, il-versjoni ta’ l-attur tidher aktar verosimili u konvincenti allura huwa ragjonevoli li jinghad illi l-ftehim maqbul bejn il-kontraenti tar-retribuzzjoni reklamata ghandu jkollu prevalenza fuq dik tat-tassazzjoni tad-drittijiet pretiza mis-socjeta` appellanti. Dan ghall-motiv illi kif hawn fuq espress, u skond id-disposizzjonijiet tal-ligi suddetti, il-ftehim ghandu jitqies il-kriterju gerarkiku primarju ghad-determinazzjoni tal-kumpens;

Kwantu ghall-aggravju mqanqal dwar l-imghax, apparti li dan, b’ abbinament mal-kompetenza, qed jitqajjem biss u ghall-ewwel darba f’ din is-sede, meta dan mhux ammissibbli li jsir, jidher f’ kull kaz li t-talba u l-kundanna dwarhom mill-ewwel Qorti ma jgibx ghal daqshekk illi dik il-Qorti kienet hemm inkompetenti *ratione valoris*. Kull imghax li jiddekorri matul il-kors tal-kawza ma jittiehedtx in konsiderazzjoni ghal finijiet tal-kompetenza. Ara Artikolu 765 tal-Kapitolu 12. Anke allura dan l-aggravju qed jitqies insostenibbli.

Ghall-motivi kollha premessi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------